# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

**Nru. 8** **LULJU, 1965**


## IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Id-9 ta' Lulju ta' kull sena jfakkarna f'dik il-festa li qatt ma jinsew il-Ġiljaniżi — meta erba' snin ilu lqajna' b'ferħ kbir fostna lil Mons. Arċisqof Gonzi biex iqiegħed l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida.

Wara dak il-jum ta' ferħ kbir bdew ġranet ta' qtiegħ il-qalb,, ta' sagrifiċċji kbar u ta' xogħol bla waqfien, u ma' din it-tbatija u ħsibijiet kbar Alla ftakar fina dejjem u pprovda l-flus biex inkomplu x-xogħol. Niftakar tajjeb ħafna meta minn fuq l-artal f'wieħed mill-Ħdud kont għidtilkom: "Għandi f'idejja £400, irrid nonfoqhom fix-xogħol għall-bidu tal-knisja l-ġdida u qisu li ma nieqfux". Dak in-nhar ħassejt li Alla jrid il-knisja l-ġdida u kont lest biex naffronta ħafna problemi li ma naqsux, fost kollox il-problema tal-flus. Qatt ma kelli qalbi maqtugħa, għax dejjem fdajt f'Alla u fil-qalb ġeneruża tal-poplu ta' San Ġiljan.

Inħoss li għandi nfaħħar u nirringrazzja b'mod speċjali lil dawk it-tfajliet li qed iħabbtu bieb bieb nhar ta' Ħadd biex jiġbru 2d. minn kull familja. Dawn qegħdin jagħmlu ħilithom kollha biex jiġbru. U lilkom, għeżież parruċċani, filwaqt li nirringrazzjakom ukoll, nitlobkom li ma tħalluhomx wara l-bieb iħabbtu, biex ix-xogħol tagħhom ma jiżdiedx. Nagħmlulhom kuraġġ.

Ix-xogħol tal-knisja l-ġdida, kif taraw, qed jidher ġmielu, u parti minnha hija msaqqfa; iżda għad baqa' x'nagħmlu. Irridu iżjed flus! Hemm bżonn li kulħadd jagħti xi ħaġa, imqar żgħira, għax bil-qatra l-qatra timtela l-ġarra. Ħadd ma falla jew miet bil-ġuħ għax ta xi ħaġa għall-bini tal-knisja. Fuq kollox Alla jaf kif għandu jpattielkom u ma jħallikomx tgħadduh fil-ġenerożità. Nixtieq ħafna li nfittxu nlestu x-xogħol biex nibdew ingawdu l-knisja l-ġdida sabiħa tagħna. J'Alla jkollna x-xorti kbìra li nkantaw it-Te Deum fiha ma ndumux.

Bil-għajnuna t'Alla u tagħkom imxejna 'l quddiem u nittama li naslu ma ndumux.

Grazzi ta' kollox. Tkunu mberkin.

IL-KAPPILLAN.

**HINIJIET TAL-QUDDIES FIL-PARROĊĊA TA' SAN ĠILJAN**

**Hdud u Festi**

*Fil-Knisja Parrokkjali:* 4.30 a.m.; 6.00 a.m.; 7.00 a.m.; 8.00 a.m.; 9.00 a.m.; 10.00 a.m. 6.30 p.m.

*Fil-Kunċizzjoni:* 6.00 a.m.; 12.00 a.m.

*Fil-Bon Konsill:* 5.15 a.m.; 6.00 a.m.; 7.00 a.m.; 8.00 a.m.; 9.00 a.m.

*F'Santa Rita:* 5.30 a.m.; 6.30 a.m.; 7.30 a.m.

**Nhar ta' Xogħol**

*Fil-Knisja Parrokkjali:* 5.00 a.m.; 6.00 a.m.; 6.30 a.m.; 7.00 a.m.; 7.30 a.m.; 7.00 p.m.

*Fil-Kunċizzjoni:* 7.00 p.m.

*Fil-Bon Konsill:* 5.15 a.m.; 6.00 a.m.; 6.45 a.m.; 7.30 a.m.

*F'Santa Rita:* 5.30 a.m; 6.30 a.m.

**INTENZJONIJIET TAL-PAPA GHAL LULJU**

i) Sabiex il-mezzi moderni ta' kommunikazzjoni jiġu użati biex ixerrdu l-kawża tal-verità, ġustizzja u mħabba.

ii) sabiex jinstabu mezzi u metodi xierqa ħalli jiġu mwettqa d-Degrieti tal-Konċilju Vatikan it-Tieni fl-artijiet tal-Missjoni.

**NUQQASIJIET . . . NIRRANĠAWHOM**

- Issa li s-sħana faqqgħet sewwa, kulħadd iħoss li għandu jtajjar minn fuqu dak iż-żejjed fil-ħwejjeġ li jista' jdejjqu. Il-gwaj hu li ħafna, speċjalment in-nisa, iħobbu jużaw l-imqass wisq. Digà hija ħaġa kerha li narawkom lebsin qasir u dejjaq fit-toroq; tħalluniex narawkom hekk fil-knisja wkoll. Ftit aktar rispett lejn Ġesù u lejn Daru, u ftit aktar spirtu ta' karità lejn xulxin.

- Fid-dinja min imut fis-sakra u min imut għal qatra. Kultant niftakar f'dan il-proverbju fil-knisja, meta waqt xi quddiesa nhar ta' Ħadd nara nies b'żewġ siġġijiet, qishom fuq il-mutur, u oħrajn għar-rkobbtejhom tul il-quddiesa kollha għax m'għandhomx siġġu.

KOMMENTATUR.

**IL-FESTA TAL-VANĠELU**

Il-festa tal-Vanġelu li għamilna fil-parroċċa tagħna kellha bħala skop prinċipali li kull familja takkwista kopja tal-Vanġelu u taqrah spiss. Jekk għad ma għandekx VANĠELU d-dar fittex li ma ddumx mingħajru.

**FTIT STORJA . . .**

**Nru. 7 — ItTriqat ta' Sant'Anġlu, tal-Karmnu, u ta' Sant'Elija**

Qabel ma l-inħawi fejn il-lum hemm Triq Sant'Elija, Triq il-Karmnu u Triq Sant'Anġlu ġew mibnija, hemm tradizzjoni li tgħid li l-Patrijiet Karmelitani kienu jagħlqu l-inħawi permezz ta' gradi kbar tal-ħadid, billi dawn l-inħawi kienu proprjetà riservata tal-Kunvent Karmelitan ta' l-Imdina.

Jingħad li dawn il-gradi kienu mwaħħla fi Triq il-Karmnu u Triq Sant'Elija, it-tnejn kantuniera ma' Triq il-Kbira, fil-waqt li grada oħra kienet imwaħħla ma' Triq Sant'Anġlu kantuniera ma' Triq Birkirkara. Biċċa mill-ħajt qadim li kien jagħlaq dawn l-inħawi għadu hemm u wieħed jista' jarah fi Triq Sant'Elija u Triq il-Karmnu. Huwa maħsub li l-plakki żgħar ta' l-irħam imwaħħla fuq il-partijiet ta' dan il-ħajt qadim, jikkommemoraw

dan id-dritt li kellu l-Ordni Karmelitan. Iżda l-Patrijiet Karmelitani ma għandhom l-ebda dokument fl-arkivji tagħhom ir-Rabat li jgħid li dawn l-inħawi kienu magħluqin għall-pubbliku.

Il-plakki għandhom fuqhom miktuba din l-iskrizzjoni: EX BONIS COENOBII CARM. CIV. NOTAB.

Fil-kantuniera ta' Triq Sant'Elija u Triq il-Karmnu għadhom jidhru mħaffrin fil-blat, u dawn huma xhieda, il-postijiet fejn darba kienu mwaħħlin il-gradi. Din it-tradizzjoni mibdija li għadha teżisti bħala xhieda sal-lum, hija hekk qawwija li tneħħi kull dubju meta wieħed jifli dawk iċ-ċappetti tal-ġebel, Fosthom dawk ma' l-arkata tal-ġebel ta' Triq Sant'Anġlu, kantuniera ma' Triq Birkirkara (il-lum B'kara Hill). Mhux magħruf jekk kienx hemm xi grada oħra fit-tarf l-ieħor ta' Triq Sant'Anġlu, jiġifieri ma' Triq il-Karmnu jew kantuniera mal-Parroċċa.

Jekk Triq Sant'Anġlu kienet f'dak iż-żmien twassal sal-Parroċċa u f'dan it-tarf kien hemm xi gradi li s-sinjali tagħhom ġew meqruda meta dawn l-inħawi nbnew, huwa maħsub li l-Patrijiet Karmelitani kienu jwaħħlu xi plakka kommemorativa bħal dawk li semmejna. Iżda ma hemm ebda plakka fuq il-ħitan qrib il-parroċċa. Għaldaqstant, jekk dik in-naħa kienet tikkonsisti f'għelieqi, huwa aktarx minnu li kienet magħluqa permezz ta' ħajt li ma kienx hemm bżonn ta' kanċell.

Qabel ma spiċċa l-aħħar seklu u meta t-toroq li semmejna ġew miftuħa għall-pubbliku, dawn ġew mogħtija lill-awtoritajiet ċivili. Iżda qabel ġew imsewwija mill-Patrijiet Karmelitani.. Kien fil-15 ta' Frar, 1892, li l-Kunvent ta' l-Imdina, għat-talba tal-Pirjol, Patri Ġużepp Karmenu Borg, ta £400 (dak iż-żmien somma kbira) għat-tiswija tat-Triqat Sant'Elija, tal-Karmnu, u ta' Sant'Anġlu, qabel ma ġew mogħtija lill-Gvern. Iċ-ċnagen taż-żonqor fil-ġnub ta' dawn it-tliet toroq u li għadhom iservu għall-ilma tax-xita sal-lum, kienu sehem mill-ispiża ta' l-£400 mogħtija mill-patrijiet.

## FAMILJI INGLIŻI KATTOLIĊI

Jekk hemm xi familja Ingliża Kattolika toqgħod maġenbek, aqta' din il-formula u agħtihielha biex timliha u tibgħatha lill-Kappillan. Grazzi.

---

*I am enquiring to find out the English Catholic families resident in my parish. So please will you kindly fill in this form and post it to me. Thank you.*

*THE PARISH PRIEST — St. Julian's.*

*Mr. and Mrs.* ..............................................

*Address* ..............................................

*Number of children* ..........................

**ST. JULIAN'S CHOIR**

Fil-kompetizzjoni tal-korijiet li saret fil-Ġonna ta' Sant'Anton fil-5 ta' Ġunju li għadda, il-Kor tagħna ma ġiex l-ewwel bħalma xtaqna li jiġi, imma ħalla impressjoni ta' sorpriża fost is-semmiegħa li ma stennewx li lħaqna livell hekk elevat. Ħafna nies, fosthom mużiċisti tajbin u magħrufin, stqarru miegħi din il-ħaġa. Għalkemm xtaqna nirbħu, m'aħniex ser inħallu t-telfa taqtgħalna qalbna; anzi nagħmlu l-kuraġġ biex nilħqu l-livell ta' korijiet oħra, li m'aħniex 'il bogħod wisq minnu.

Nixtiequ nsaħħu l-kor tagħna. Għalhekk min jkun jixtieq jidħol magħna — kemm irġiel, kif ukoll nisa — jista' jikkontattja lill-Kappillan jew lil Dun Ġwann.

**REĠA' QAM MIN-NAGHSA**

Dan l-aħħar erġajna' bdejna nisimgħu t-tekki ta' l-arloġġ tal-Knisja, li issa wara snin sħaħ ta' rqad reġa' beda jaħdem. Nirringrazzjaw lis-Sur Joe Despott, minn tas-Sliema, li bil-ħila tiegħu l-arloġġ reġa' beda jiffunzjona.

**NIFTAKRU FIL-MEJTIN TAGHNA**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4. | 6. | 65 | Tereża Azzopardi (84 sena), ta' 159, Old College Street. |
| 4. | 6. | 65 | Francis Colombo (37 sena), ta' 8, Naxxar Road. |
| 7. | 6. | 65 | Patrick Catania (baby), ta' June Flats /2, Ross Street. |

**NIFIRHU LILL-MIŻŻEWĠIN ĠODDA**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 30. | 5. | 65 | Aloysius Azzopardi minn H'Attard ma' Maryrose Gracey minn San Ġiljan. |
| 30. | 5. | 65 | Ronnie Galea ma' Marija Saliba minn San Ġiljan. |
| 6. | 6. | 65 | Joseph Vassallo mir-Rabat ma' Rosina Bugeja minn S. Ġiljan. |
| 6. | 6. | 65 | George Bonnici minn S. Ġiljan ma' Maria Carmela Mallia, mill-Belt. |

**SANTI RIKORDJU**

Barra tal-Preċett u tal-Griżma għandna wkoll santi taż-Żwieġ u tal-Magħmudija li jservuna tifkira ta' dawn is-sagramenti. Tistgħu tarawhom imwaħħlin fin-notice board tal-Knisja. Min ikun irid minnhom jista' jieħu minn għand il-Kappillan.

---

Return to:

**VERY REV. GUIDO CALLEJA,**

**PARISH PRIEST,**

**ST. JULIAN'S**

"EMPIRE PRESS"